31983R0269

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 269/83
ta' l-1 ta' Frar 1983
li jemenda għar-raba' darba r-Regolamenti (KEE) Nri 2191/81 u (KEE) Nru 2192/81 fejn jikkonċerna l-miżuri ta' kontroll konnessi ma l-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' butir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt u mill-armati u forzi oħra simili ta' l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1183/82 [2], u b' mod partikulari Artikolu 12(3),

Billi r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 [3] u (KEE) Nru 2192/81 [4], kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KEE) Nru 1333/82 [5], jipprovdu f'Artikoli 6 u 5 rispettivament il-frekwenzi tal-kontrolli in-konnessjoni mal-għajnuna li għaliha sar provvediment f'dawn ir-Regolamenti; billi dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu emendati sabiex jieħdu in-konsiderazzjoni r-rekwiżiti minimi dwar tali kontrolli, kif imwaqqfa fid-Direttiva tal-Kunsill 77/435/KEE tas-27 ta' Ġunju 1977 dwar l-eżami dettaljata mill-Istati Membri tat-transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Ewropew għal Gwida u Garanziji Agrikoli [6];

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni Għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 6 tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 2191/81 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha ta' kontroll sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-aktar b'kontrolli fuq id-dokumenti kummerċjali u r-rekords dwar il-ħażna ta' min jissupplixxi. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu implimentati skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/435/KEE [1].

Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni:

(a) fi żmien tliet xhur mill-proċedura dwar il-kontrolli adottati għall-butir fl-istadji differenti tal-*marketing* u l-miżuri li jkunu ttieħdu skond Artikolu 2(3)(a);

(b) qabel l-għoxrin jum ta' kull xahar, dwar il-kwantitajiet li matul ix-xahar ta' qabel

— ikunu nħarġu *vouchers* għalihom,

— l-għajnuna li tkun tħallset.

[1] ĠU L 172, tat-12.7.1977, p. 17."

Artikolu 2

Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2192/81 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jibdew il-miżuri neċessarji kollha ta' kontroll sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu mħarsa, l-aktar b'kontrolli fuq id-dokumenti kummerċjali u fuq r-rekords dwar il-ħażna ta' min jissupplixxi. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu implimentati skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/435/KEE [1]

Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni:

(a) fi żmien tliet xhur dwar il-proċedura għall-kontrolli adottati għall-butir u l-istadji differenti tal-*marketing* u l-miżuri meħuda skond Artikolu 2(3)(a);

(b) qabel l-għoxrin jum ta' kull xahar, il-kwantitajiet għalliema, matul ix-xahar ta' qabel:

— ikunu nħarġulhom *vouchers*,

— l-għajnuna tkun tħallset.

[1] ĠU L 172, tat-12.7.1977, p. 17."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 140, ta' l-20.5.1982, p. 1.
[3] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.
[4] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 24.
[5] ĠU L 150, tad-29.5.1982, p. 78.
[6] ĠU L 172, tat-12.7.1977, p. 17.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Frar 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni